# Issa Għaqqadna l-Mija

Carmel G. Cauchi

Kien is-Sibt filgħodu u klikka ta' erba' jew ħamest irġiel iltaqgħu fil-bar tal-każin tal-banda kif soltu jagħmlu f'dak il-ħin. Kienu lkoll soċji tal-każin u draw iqattgħu dik is-siegħa flimkien jitkellmu, jiddiskutu u jixorbu xi kikkra te jew kafè waqt li jimlew il-ħawsla b'xi żewġ pastizzi sħan. Il-kliem kien idur fuq mitt ħaġa – mill-kaċċa għas-sajd, mill-festi għall-futbol, mir-ras iebsa tal-President tal-każin għan-negliġenza tas-Segretarju. Għax fl-aħħar dejjem hemm jaqa' kliemhom, fuq in-nies! Kif intqal minn xi ħadd b'rasu fuq għonqu, "Imħuħ kbar jiddiskutu l-ideat, imħuħ medji jiddiskutu l-avvenimenti, u mħuħ żgħar jiddiskutu n-nies.

Waqt li kienu qegħdin iduru dawra sewwa mal-għawar kollu ta' Ċikku l-poplu, resaq fuqhom Pawlu, ġuvni twajjeb, ta' xi 45 sena, ta' ftit skola u moħħu ma jwassalx. "Bonġu, ħbieb," qalilhom.

"Issa għaqqadna l-mija!" qal Lino. Dejjem din kienet l-espressjoni li biha jintroduċu lil Pawlu bejniethom hekk kif xi ħadd minnhom jilmħu riesaq lejhom. Issa għaqqadna l-mija! Lino kien jgħidha b'ton l-aktar dispreġġjattiv. U ħafna drabi jkompli, "Ħa naraw biex ħiereġ illum dan l-iskamplu!"

"Smajtu x'qegħdin jgħidu?" ħabbar Pawlu. "Qabel nidħlu l-knisja sa jibdew jaraw għandniex id-deni. U mbagħad irridu nogħrku jdejna bis-synthesizer!

Dan l-iżball ġiegħel lil Lino jitkaża u lill-oħrajn jidħku.

Imma Manuel, għalliem irtirat u l-ixjeħ wieħed fosthom, la tkaża u lanqas daħak. "Trid tgħid sanitiser, Pawl," ikkoreġieh bil-ħlewwa. "Dak il-likwidu jissejjaħ sanitiser għax joqtol il-mikrobi li jista' jkollna fuq idejna."

"Iva, il-mikrobi tal-koronavitis, hux?" reġa' żbalja Pawlu. U għal darba oħra kien hemm min tkaża, min daħak u min ikkoreġa bil-ħlewwa.

"Dak Coronavirus ngħidulu, Pawlu, ħi," tbissimlu Manuel.

"Insomma ... jien ma nafx skola, Manuel," iddikjara Pawlu s-sewwa magħruf. "Allura ma nafx ngħid il-kelma eżatta. Imma xorta fhimtuni, hux?"

"U mela le, Pawl. Fhimna xi trid tgħid. Imma jekk titgħallem tgħid il-kelma sewwa mhux aħjar?"

"U dak kollu ta' xejn, Manuel," qabeż Lino. "Ma tafx li min jaħsel ras il-ħmar jaħli l-ilma u s-sapun? Dan għalih m'hemmx differenza bejn *virus* u *vitis.* Dan ma jafx kelma bl-Ingliż għax rasu qargħa."

"Qargħa għandek int, Lino," irritalja Pawlu, "għax waqagħlek xagħrek kollu! ... Ara se nħallikom għax lil ommi u 'l missieri jien irrid naqdihom. Għax huma anzjani u għandhom iz-zokkor, u allura t-tnejn venerabbli."

"Qegħdin taraw, ħbieb?" reġa' Lino b'sarkażmu. "Mela ma jdumux ma jsiru beati u mbagħad ftit ieħor u jiġu kanonizzati!" U l-oħrajn xejn ma ddejqu jidħku f'wiċċ Pawlu.

Pawlu xtaq iwieġbeb għall-kumment ta' Lino imma ma kienx jaf xi tfisser il-kelma *kanonizzati*. Għalhekk iddeċieda li jdabbar rasu. "Insomma, se nħallikom, ħbieb. Bonġu u l-ġurnata t-tajba." U telaq mgħaġġel lejn id-dar.

"Qed tara, Manuel?" żied imaqdar Lino. "Mur fehmu li bonġu u l-*ġurnata t-tajba* jfissru l-istess ħaġa! Għax, kif ilkoll nafu, bonġu hija korruzzjoni tal-kelma Franċiża bonjour, li tfisser sewwasew il-jum it-tajjeb, jew il-ġurnata t-tajba ..."

"Imma, stenna ftit, Lino," iddefenda Manuel lil Pawlu, "jekk, kif għedt int, ir-raġel ma jafx jgħid kelma bl-Ingliż tistenna li se jkun jaf bil-Franċiż? Pawlu hu dak li hu, u jeħtieġ li naċċettawh kif inhu!"

Imma din ix-xewqa ta' Manuel baqgħet ma nqatgħetx. Għax il-wasla ta' Pawlu fosthom baqgħu jħabbruha bil-kliem dispreġġjattiv, "Issa għaqqadna l-mija!" Din id-drawwa kattiva kienet xenxlet għeruqha fosthom u m'għamlu ebda sforz biex jeħilsu minnha.

U aktarx li, wara daqqa t'għajn minn taħt mixħuta instintivament fid-direzzjoni ta' min kien riesaq lejhom, xi ħadd kien iżid xi titlu ta' onorifiċenza: "Ħa naraw x'se jgħidilna llum dan-nofs ras!" Jew "Ħa naraw x'għandu x'jgħallimna llum dal-kaxxa ġenn!" Inkella "Issa tara x'għerf ħiereġ minn fomm dal-baħnan!"

Iż-żmien baqa' għaddej u l-idjoma "Issa għaqqadna l-mija" baqgħet tħabbar il-wasla ta' Pawlu fil-gaj tal-każin. U t-twajjeb Pawlu, bl-innoċenza ta' tfajjel żgħir, baqa' jistieden id-daħq u l-kummenti tagħhom b'xi ħmerija li jlissen. Darba qalilhom li kien għadu kif ħasel il-bitħa u ġibed l-ilma bl-isqueezer, u waqt li Lino tmeżmeż għall-"injoranza grassa" tiegħu, Manuel inqeda bl-okkażjoni biex jgħallem lil Pawlu (u lil xi wħud mill-kritiċi tiegħu) li dik il-lasta bil-lastiku li biha niġbdu l-ilma tissejjaħ squeegee, u li squeezer huwa dak l-apparat li bih nagħsru l-larinġ.

F'okkażjoni oħra Pawlu qalilhom li zijuh kien se jiggargarizza l-ħadid tal-gallarija biex ma jsaddadx! Faqa' lil kulħadd bid-daħq u, bħas-soltu, ġibed fuqu t-tmadir ta' Lino u, mill-banda l-oħra, il-korrezzjoni ġentili ta' Manuel: "Trid tgħid jiggalvanizza, Pawl, għax biex il-ħadid ma jsaddadx ngħidu li jiggalvanizzawh. Jiggargarizza tfisser dak li jagħmel xi ħadd biex ilaħlaħ ħalqu u griżmejh bl-ilma jew b'xi mediċina."

U tista' tgħid li, kull darba li jmur jitkellem magħhom, Pawlu baqa' spiss iżewwaq kliemu b'xi malapropiżmu, bl-użu ta' xi kelma żbaljata flok waħda xierqa. Darba minnhom mar jistagħġeb kemm qed imutu nies bil-pantomina waqt li jrid jgħid bil-pandemija. "Smajtu x'qal ir-radio fl-aħbarijiet?" staqsiehom darb'oħra. "Il-Gvern se jagħtina mitt ewro vultures biex ikollna x'nonfqu," qalilhom ferħan. "Biex qegħdin tidħku? Mela intom xejn ma temmnu?" reġa' staqsiehom meta rahom jiddieħku għal kliemu. Qajla għaddielu minn moħħu li d-daħq

tagħhom ma kienx għax ma emmnuhx imma għax kien reġa' uża kelma żbaljata. "Smajtha b'widnejja stess fl-aħbarijiet tat-televixin. Sa jagħtina ħames vultures ta' għoxrin ewro kull wieħed!"

Bħas-soltu, Lino tkaża bl-injoranza ta' Pawlu u sejjaħlu idjota, waqt li l-oħrajn komplew jiddieħku bl-iżbalji tiegħu. "Ara, Pawl," ipprova jfiehmu Manuel, "aħna lkoll nemmnu dak li trid tgħid int, għax din l-aħbar smajnieha aħna wkoll. Imma int trid tgħid vouchers, mhux vultures. Vultures huma għasafar selvaġġi li jgħixu billi jieklu l-laħam ta' ħlejjaq oħra mejtin. Dawk il-kupuni li nistgħu nħallsu bihom fir-restoranti, u f'ċerti ħwienet, jissejħu vouchers."

"Imma allura għaliex ma jgħidulhomx kupuni, bil-Malti, Manuel?" xtaq jaf Pawlu. "Biex imbagħad, min hu bħali ma jafx skola, jipprova jgħidha bl-Ingliż kif jismagħha u jsib min joqgħod jidħak bih! ... Ara, ħa mmur u darb'oħra ma niġi ngħidilkom xejn." U telaq iddispjaċut li kull darba jsibhom lesti biex jiddieħku bl-iżbalji tiegħu.

"Imma ma tarax li hu kollu ta' xejn li tipprova tgħallmu, Manuel?" ikkonkluda Lino. "Nifhem li qiegħda fil-karattru tiegħek li tipprova tgħallem, għax int qattajt għomrok u żmienek tgħallem fl-iskejjel tal-Gvern. Imma meta tipprova tgħallem lil baħnan bħal dan Pawlu tkun qiegħed tagħżaq fl-ilma!"

* * *

Is-Sibt li għadda, meta l-klikka ltaqgħet bħas-soltu fil-każin, Manuel kien għadu ma tfaċċax. Pawlu lanqas ma kien hemm imma, waqt li dan soltu jgħaddi sa ħdejhom ħafna iżjed tard, Manuel dejjem ikun minn tal-ewwel fil-każin. "Forsi ddejjaq bil-kumpanija tagħna għax jarana nidħku meta Pawlu jħawwad xi waħda minn tiegħu," ikkonkluda xi ħadd minnhom.

"Jew forsi dejjaqtu jien għax jarani nitkaża bl-injoranza ta' dak l-istupidu," issopona Lino.

Imma Manuel ma damx ma wasal. F'idu kellu kopja tal-gazzetta *Nar Imkebbes*. "Issa tassew għaqqadna l-mija, ħbieb!" qalilhom waqt li firex

il-gazzetta fuq il-mejda u poġġa sebgħu l-werrej fuq ritratt stampat bi prominenza fl-ewwel paġna. Kien ir-ritratt ta' Pawlu. "Intom tgħidu 'Issa għaqqadna l-mija' biex twaqqgħu lil Pawlu għaċ-ċajt," qalilhom Manuel b'ton ta' ċanfira mielsa, "imma hu għaqqad il-mija bis-serjetà. Araw x'jgħid it-titlu ta' dan ir-rapport fuqu: *'Pawlu Falzon, għażeb minn Ħal Buqrajq jagħti d-demm għal mitt darba.'* Dan hu r-raġel li aħna dejjem lesti biex ngħodduh bi skamplu, nofs ras, idjota, baħnan jew kaxxa ġenn! Pawlu, li aħna dejjem lesti biex niddieħku bih u nitkażaw bl-iżbalji tiegħu! Dan l-istess Pawlu mar jagħti d-demm, mhux tliet darbiet, mhux għaxar darbiet imma mitt darba! Min jaf kemm salva ħajjiet bid-demm li ta! Dan il-bniedem, li għalina mhux aħjar mill-ħmar ta' Wiżu, huwa fil-fatt benefattur kbir tas-soċjetà. Huwa għamel ġid ħafna iktar minna, u la jixraqlu t-tmaqdir tagħna u lanqas iż-żuffjett. Pawlu jixraqlu l-ammirazzjoni u l-apprezzament tagħna għax – "

Hawnhekk Manuel waqaf minn dan l-eloġju spontanju f'ġieħ Pawlu għax, minn taħt il-għajn, lemħu riesaq lejhom.

U dakinhar ħadd ma lissen, "Issa għaqqadna l-mija."

Dakinhar ferħulu lkoll għax kien *hu* li għaqqad il-mija!